MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**Stqarrija għall-Istampa**
31 ta' Jannar 2019

# L-MFSA TNIEDI VIŻJONI 2021
# Lejn it-tisħiħ tal-MFSA u tħejjija għall-ġenerazzjoni ġdida tas-servizzi finanzjarji

- L-MFSA nediet il-viżjoni strateġika u l-valuri tagħha għat-tliet snin li ġejjin
- Ippubblikat Dokument ta' Konsultazzjoni dwar l-Istrateġija tal-FinTech tal-MFSA, bil-proposta li tkun introdotta 'Regulatory sand box' u Innovation Hub
- Żvelat *branding* ġdid għall-Awtorità

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta llum nediet il-missjoni u l-viżjoni tagħha għat-tliet snin li ġejjin. Waqt konferenza stampa li saret illum waranofsinhar, il-Kap Eżekuttiv Joseph Cuschieri nieda l-Viżjoni 2021 tal-MFSA, li tiddefinixxi l-missjoni tal-Awtorità u l-viżjoni strateġika tagħha. Dawn huma msejsa fuq sett ta' għanijiet u oġġettivi li għandhom l-għan li jistabbilixxu lill-MFSA bħala wieħed mir-regolaturi finanzjarji ewlenin fl-Ewropa.

Permezz ta' Viżjoni 2021, l-MFSA indikat il-pjanijiet tagħha biex issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja li tħares 'il quddiem, hija proattiva u affidabbli u għandha skop ewlieni ċar – li tħares l-integrità tas-swieq u żżomm l-istabbilità fis-settur finanzjarju. Id-dokument Viżjoni 2021 jartikola wkoll l-istrateġija tal-Awtorità fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju, il-kondotta, l-infurzar u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT).

Il-Kap Eżekuttiv tal-MFSA, Joseph Cuschieri qal: "Il-Viżjoni 2021 hija l-bidu ta' vjaġġ ta' bidliet li huwa bbażat fuq programm ambizzjuż iffukat fuq innovazzjoni, innovazzjoni fil-FinTech u r-RegTech, modernizzazzjoni tas-superviżjoni u żvilupp teknoloġiku. L-aġenda riformattiva tagħna tinkludi wkoll bidla sħiħa tal-istrutturi organizzazzjonali u ta' governanza tagħna bl-għan li l-Awtorità tilħaq l-isfidi futuri tagħha b'mod aktar effettiv".

Fl-indirizz tiegħu, l-On. Prim Ministru Joseph Muscat qal li l-preżenza tiegħu "tirrikonferma l-impenn tal-Gvern biex jappoġġja t-trasformazzjoni tal-MFSA u programm ta' riforma b'mod li l-MFSA tkun wieħed mill-aqwa regolatorji fis-servizzi finanzjarji Ewropej".

Is-Segretarju Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji, l-Ekonomija Diġitali u Innovazzjoni Silvio Schembri qal li t-tnedija ta' Viżjoni 2021 u l-iStrateġija tal-FinTech tirrifletti l-ħtieġa li tiġi rivoluzjonata Awtorità li hi meħtieġa biex isservina b'mod perfett fl-età diġitali. "B'dan f'moħħna, se jitwaqqaf organu konsultattiv li se jservi ta' Forum għad-diskussjonijiet bejn il-Gvern, ir-Regolatur u l-operaturi, bl-għan li nifhmu aħjar id-diffikultajiet u nanticipaw żviluppi fix-xenarju internazzjonali", qal Schembri.

Bħala parti mill-Viżjoni l-ġdida tagħha, l-MFSA ppubblikat ukoll Dokument ta' Konsutazzjoni li fih preżentat l-iStrateġija dwar il-FinTech li hija msejsa fuq sitt pilastri strateġiċi. Uħud mill-elementi ewlenin tal-iStrateġija jinkludu l-introduzzjoni ta' 'FinTech Regulatory Sandbox' u FinTech Innovation Hub. Is-Sandbox għandha l-għan li tipprovdi pjattaforma fejn kumpaniji *startups* u stabbiliti jistgħu jesploraw u jittestjaw kunċetti kummerċjali ġodda f'ambjent iddiżinjat apposta għalihom.

Il-Kap Eżekuttiv tal-MFSA, Joseph Cuschieri qal li "l-MFSA tħares 'il quddiem biex tkompli taħdem mal-industrija u tipprovdilha ċ-ċertezza legali u regolatorja, filwaqt li tiżgura l-ħarsien effettiv tal-investituri, l-integrità tas-suq u stabbilità finanzjarja fl-ambjent tal-FinTech".

F'riflessjoni tal-Viżjoni tal-MFSA, l-Awtorità żvelat il-*branding* ġdid tagħha inkluż sit elettroniku ġdid.

@MFSA launches #MFSAVision2021 and #FinTechstrategy